# It-Tbissima tal-Bambina

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: It-'Tbissima tal-Bambina' hu t-titlu ta' kanzunetta ferm reċenti ta' Alfred C. Sant, li tagħha kiteb il-versi u l-mużika. Dil-kanzunetta, b'arranġament mużikali tiegħi, ġiet eżegwita għall-ewwel darba waqt laqgħa fil-Mużew tas-subien tan-Naxxar nhar il-Ħamis filgħodu, 4 t'April, minn grupp ta' sitt studenti mużiċisti tal-ewwel sena li jattendu l-University of Malta, 'Ġ.F. Abela', Junior College, l-Imsida. Il-kanzunetta ntalqgħet tajjeb ħafna mill-udjenza numeruża li dakinhar ħonqot il-kappella, u li għaliha l-kompożitur kien preżenti. Dal-artiklu se jitratta proprju l-versi u l-mużika ta' dil-kanzunetta.

Kliem muftieħ: Naxxar, Il-Bambina, Alfred C. Sant, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Għaqda Mużikali 'Marija Bambina' Banda Vittorja (Naxxar), Għaqda Kulturali Wirt Naxxari


Alfred C. Sant, l-awtur ta' bosta kanzunetti

Profil: Alfred C. Sant inzerta twieled qrib il-festa tal-Vitorja, proprju nhar il-5 ta' Settembru 1945. Hu wieħed mil-liriċisti u kompożituri ewlenin tal-kanzunetta Maltija f'pajjiżna sa mis-70ijiet tas-seklu 20, u kiteb bosta minnhom li għamlulu ħafna suċċess, kemm f'Malta, kif ukoll barra minn xtutna. Min qatt ma sema' bil-kanzunetta Maltija 'Qalb ta' Kampanjol', 'Waħda Għalik u l-Oħra Għalija', 'Għadna Żgħar', 'Marija', jew il-famuża 'L-Għannej', li tkantat minn Tony Camilleri waqt il-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija tal-1984? Sant hu wkoll l-awtur tal-kliem tal-kanzunetta 'L-Aħħar Bidwi f'Wied il-Għasel' (1976), b'mużika ta' Paul Abela, u oriġinarjament kantata minn Sammy Bartolo (1947-97), flimkien mal-grupp 'New Cuorey'. Did-diska kienet sabet ruħha wkoll fir-repertorju ta' Claudio Baglioni, meta fl-2007 kantaha f'ilsienna waqt kunċert li hu ta f'Malta.

Ħafna kienu l-kantanti Maltin li interpretaw kanzunetti minn tiegħu waqt festivals inter/nazzjonali, fosthom iċ-ċkejken kantant Stafan Galea mill-Mosta b''Il-Merill Twitt Twitt', fuq versi bit-Taljan ta'Alberto Testa, f'Zecchino D'Oro tal-1982. Għal ħafna snin twal ukoll, Sant ħadem id f'id ma' Ray Agius, kompożitur u arranġatur; liema kollaborazzjoni rebbħithom kemm-il trofew u premijiet f'festivals, sew Maltin, kif ukoll barranin.

Dwar il-kanzunetta u l-laqgħat ta' kull nhar ta' Ħamis tax-xahar: Kien il-kompożitur stess li għaddieli l-kliem u l-mużika tal-kanzunetta 'It-Tbissima tal-Bambina' wara l-laqgħa tas-6 ta' Diċembru, 2018; liema laqgħat isiru kull l-ewwel Ħamis tax-xahar fil-Mużew tas-Subien tan-Naxxar mis-Superjur Leli Catania. Dawn jattenduhom ħafna rġiel min-Naxxar, u l-għan tagħhom hu wieħed primarjament spiritwali, imma wkoll soċjali, fejn wara li tispiċċa l-laqgħa tarahom jinżlulek isfel nett biex jgħidu xi kelma bejniethom, u xi ħaġa x'jixorbu u jieklu wkoll.


Fir-ritratt jidhru l-istudenti mużiċisti, flimkien miegħi u mal-awtur tal-kanzunetta wara l-laqgħa tal-Ħamis, 4 t'April 2019

Il-kanzunetta l-ġdida ta' Sant indaqqet għall-ewwel darba fil-laqgħa tal-Ħamis filgħodu, 4 t'April li għadda. Fl-istess laqgħa tgħannew ukoll xi għanjiet reliġjużi oħra b'rabta mal-Ġimgħa Mqaddsa, flimkien ma' xi siltiet mill-musical Jesus Christ Superstar, l-*Adagio* ta' Mizzi, u marċ funebri ta' Purcell. L-ensemble kien kompost mill-kantanta żagħżugħa Rachel Paris fuq

il-kitarra, Kurt Falzon (vjolin), Rudy Sammut u André Spiteri (klarinetti), Alexander Cordina (sax alto), u James Gafà bil-cajon.




Versi: Dil-kanzunetta għandha minn talba ċkejkna imma ħerqana, fejn il-poeżija tiftaħ b'ton patrijottiku peress li r-raħal antik tan-Naxxar għandu l-Bambina bħala patruna tiegħu, u li din qiegħda konstament tħarsu mis-smewwiet. Min-naħa tagħhom, in-Naxxarin, devoti kbar tagħha, jirrikorru lejha fit-talb tagħhom kull darba li jiltaqgħu ma' xi saram f'ħajjithom. U hi, min-naħa tagħha, dejjem lesta biex tisma' u tilqa' talbhom b'sempliċi tbissima. Il-ħsieb ewlieni tal-poeżija jinsab kollu fir-ritornell: *F'dan il-Wied ta' tbatija* / *Imbikkma l-ulied, fil-mard jew bl-inkwiet* / *It-tbissima tal-Bambina* / *Tixhel fina dawl ta' sliem* / *Fik naraw l-omm li tismagħna* / *Fik insibu ferħ bla tmiem*. Il-versi huma sempliċi u mexxejja, f'idjoma pjuttost moderna, u li jħaddmu l-vers ottonarju, li bih soltu jitgħanna l-għana Malti.

Mużika: Il-kanzunetta fiha 46 battuta, u tindaqq f'temp pjuttost moderat, akkumpanjata minn beat ħafif. Bħala sinjal ta' miżura għandha erba' semiminimi. Bħalma jiġri fil-biċċa l-kbira tal-kanzunetti standard, din ukoll tibda bis-soltu introduzzjoni strumentali kemxejn twila (b. 1-8), segwita mill-istrofa (b. 9-24), u warajha, mir-ritornell (b. 25-36[37]). Minn hemm, il-mużika terġa' tibda minn fuq nett, bl-introduzzjoni b'kollox. Fit-tieni volta imbagħad, l-mużika timmodula, u jerġa' jidħol ir-ritornell, did-darba ton 'il fuq.

Il-kompożitur jagħti importanza 'l-introduzzjoni għax, apparti li hi sabiħa fiha nnifisha, f'dik li hi għażla t'akkordi – għonja f'ilwienhom – u melodija b'ħafna sinkopat ġo fiha, hi intiża għal biex iddaħħal lis-semmiegħ fi spirtu devozzjonali (Eż. 1):

Ez. 1 

L-istrofa hi mqassam f'żewġ sentenzi mużikali ta' tmien battuti l-waħda, li jikkorrespondu tajjeb maż-żewġ strofi tal-poeżija. Fl-ewwel sentenza, il-melodija hi mqassma f'erba' frażijiet daqsinsew, fejn it-tqassim tan-noti hu kważi l-istess. It-tieni sentenza wkoll titqassam bl-istess mod, imma fejn qabel id-disinn melodiku kien pjuttost idur fuqu nnifsu bħal f'spiral, hawn jinbidel f'wieħed direzzjonali, fis-sens li kull waħda mill-frażijiet iċ-ċkejknin timpjega sensiela ta' noti dejjem neżlin u mtarrġin (Eż. 2):

Ez. 2 


Min-naħa tiegħu, ir-ritornell hu tal-widna ħafna, u dan jgħin biex il-kanzunetta tilħaq il-qofol tagħha. B'kollox, fih tliet frażijiet t'erba' battuti l-waħda, bl-aħħar tnejn kważi identiċi, fejn kull waħda jerġa' tinqasam f'żewġ frażijiet iżgħar li jservu ta' mistoqsija u tweġiba. L-armonija hawn hi aktar sempliċi, bil-melodija toħroġ aktar fuqanija, speċjalment fejn niġu għat-*Tbissima tal-Bambina*, u *Fik naraw l-omm li tismagħna*, fejn il-kisra tagħha hi bil-wisq sbejħa (Eż. 3):

Ez. 3




Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Naxxarin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta’ Marija Bambin li ta’ kull sena tiġi solennement iċċelebrata fin-Naxxar.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)